MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1646/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Mule Adriana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u hamsa u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm1065.38) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 10965 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2003 u Frar 2004;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet**

**sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm1065.38) bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Gunju, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------